Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Rosanna Debattista]

vs

Omar Ablett

Antoine Galea

Kumpilazzjoni Numru: 154/2013

Illum, tmienja (8) ta' Marzu 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Omar Ablett detentur tal-karta tal-identita' numru 343378M u

Lill Antoine Galea detentur tal-karta tal-identita' numru 64685M

Akkuzawhom talli fit 22 ta Dicembru 2012, fl-inhawi ta San Giljan minghajr hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car ta' Fiorella Spiteri ID 117688 ikkagunawla ferita ta natura gravi liema offiza tista ggib jew iggib debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' parti tal-gisem jew ta' difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz jew iggib marda tal-mohh, jew tal-gisem li ddum tletin gurnata jew izjed inkella ghal daqshekk zmien izzomm lill-offiza Fiorella Spiteri milli jmur ghax xoghol dan bi ksur l-artikli 214, 215, 216 u 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u

Akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament kisru il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat jew glied u dan bi ksur tal-Artiklu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputati fejn huma wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom qed jitlob li ghandha tinstab htija kontra l-imputati u cioe':-

- Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi wara li nqraw dawn l-Artikoli l-imputati ddikjaraw illi ma kellhomx oggezzjoni sabiex din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza bi procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputati li ghalkemm m'humiex netti jirrisalu ghall-akkuzi ta' hafna zmien ilu;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u s-sottomissjonijiet tad-difiza;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat argument li nqala' f'Paceville fil-gurnata msemmija fl-akkuza bejn l-imputati u l-parte civile u fejn din garrbet griehi gravi.

Illi semghet ix-xhieda tal-parte civile **Fiorella Spiteri** li spjegat illi kienet involuta f'incident f'Paceville fit-22 ta' Dicembru f'xi saghtejn u kwart ta' filghodu (2:15 a.m.) fejn hi, flimkien mal-kugina taghha Maria Borg, kienu faccata ta' Hugos bilqeghda fuq bank u gew zewgt irgiel u talbu *lighter* lill-kugina taghha. Din tghid illi dawn bdew ituhom fastidju u qalulhom sabiex jitilqu bil-kelma t-tajba izda dawn jidher li ma riedux jitilqu. Hija tghid illi sahansitra wiehed minnhom beda jitkessah tant li gholla l-flokk il-fuq. Malli qaltlu x'kien qed jaghmel hu beda joffendiha u resaq lejha u hi instintivament imbuttatu u hu mbaghad qabadha minn xagharha, kaxkarha t-triq kollha u beda jaghtiha bis-sieq go daharha u bil-ponn. Hi tghid illi anke siehbu beda jaghtiha. Hija gharfet lill-imputat Omar Ablett bhala dik il-persuna li pprovat taqbad maghha u li beda jtiha. Hija tkompli tghid illi anke wara li regghet marret tpoggi hdejn il-kugina taghha rega' gie u beda jaghtiha u rega' kaxkarha. Hija tghid li wara gew xi Taljani jferrqu qabel ma gew il-pulizija. Hija pprezentat sett ta' ritratti li juru l-griehi taghha (Dok. FS1) liema ritratti hadithom ohtha l-ghada tal-incident.

Xehdet ukoll il-kugina **Maria Borg** li qalet illi gew zewg guvintur fuqhom u talbuha *lighter*. Imbaghad dawn baqghu jinsistu u hija

tghid illi f'daqqa wahda rat lill-kugina taghha ttir u z-zewg persuni bdew ituha. Hija tghid illi ezatt qabel l-incident hija kienet fuq il-*mobile* u kienet qed tpejjep u ghalhekk ma tafx ghaliex eskala l-incident u tghid illi l-persuna li kien qed itiha kien l-imputat Omar Ablett. Hija tghid illi meta rat hekk marret titlob l-ghajnuna lill-pulizija ghaliex ma kien hemm hadd u hadd ma kien gie jghinha lill-kugina taghha.

Illi gie kkonfermat ic-certifikat mediku tal-parte civile minn **Dr. Monique Camilleri** li spjegat illi rat lill-parte civile fil-Paola Health Centre u wara li saritilha X-Ray hareg li kien hemm ksur tas-subgha fl-id ix-xellugija (Dok. MC1). Hija ccertifikat dawn il-griehi bhala gravi *per durata*.

Ittellghet l-**Ispettur Rosanne Debattista** mitluba mid-difiza li pprezentat ir-rapport mertu tal-proceduri odjerni (Dok. RD10).

Finalment xehdu bil-gurament l-imputati fejn l-ewwel xehed l-imputat **Omar Ablett** li rrakonta x'gara dakinhar tal-incident fejn qal illi dakinhar mar ma' xi hbieb jieklu l-Imdina fejn wara ddecidew li jmorru Paceville jiehdu *drink*. Huwa kien ma' Antoine Galea, Kevin Galea u Jesmond Psaila. Meta kienu Paceville indunaw

li tifel ta' wiehed minnhom tilfuh u ghalhekk marru jfittxuh barra l-istabbiliment li kienu fih. Missier dan it-tifel Jesmond beda jghidilhom li ma kienx sejjer id-dar minghajr dan it-tifel ghaliex il-mara kienet ser toqtlu u mbaghad dawn bdew jidhqu bih. Filwaqt li dawn bdew jidhqu u jiccajtaw ma' Jesmond, xi hadd femminili, li wara l-imputat jghid li kienet Fiorella Spiteri, kienet pronta u qaltilhom ghaliex kienu qeghdin jidhqu. Meta dawn ma tawx kasha hija regghet qaltilhom fuq x'hiex kienu jithqu izda hawwritha bi kliem hazin li l-imputat qal fix-xhieda tieghu.

Huwa jghid illi f'dak il-mument Fiorella giet fuqu b'mod aggressiv bhala wahda xurbana wara li kien qallha li hu ma kienx jafha, u qabditlu wiccu u girfitulu u qattatlu l-flokk u bdiet tghid kliem offensiv. Huwa jghid illi f'dak il-mument imbuttaha u gew ghalih tliet persuni minn shabha fejn wiehed minnhom tah daqqa fuq widnejh. Jghid illi huwa mar l-ghassa biex jaghmel rapport. Jghid illi xi gimghatejn wara l-incident baghtu ghalih mill-ghassa ta' San Giljan u minflok isib ruhu bhala vittma l-pulizija bdew isaqsuh bhala kien l-aggressur.

Xehed ukoll l-imputat <u>Antoine Galea</u> li kkonferma dak li qal l-imputat l-iehor qablu u fil-fatt jghid li kienu gew xi hames guvintur

ghalihom u nqalghet glieda shiha. Hu kkonferma li Fiorella Spiteri kienet fis-sakra. Ikkonferma wkoll illi wara l-glieda baqghu nezlin l-ghassa ta' San Giljan.

Xehdu wkoll **Jesmond Psaila** u **Kevin Galea** fejn dawn ikkonfermaw illi kienu l-Imdina jieklu fejn wara ddecidew li jmorru Paceville jiehdu *drink* meta ndunaw li t-tifel ta' Jesmond ma kienx maghhom u marru barra jfittxuh. Meta Jesmond qal lil shabu li l-mara kienet ser toqtlu jekk imur id-dar minghajru shabu bdew jidhqu bih u jghadduh biz-zmien u jafu li xi hadd femminili bdiet tghid "X'qed tidhqu" u toffendi lil Omar. Jesmond jghid li wara ma jaf xejn x'gara ghaliex mar banda ohra jfittex lit-tifel. Kevin Galea pero' ra kollox u kkonferma dak li kienu qalu l-imputati qablu u kien hu wiehed mill-persuni li pprovaw iferrqu l-partijiet. Huwa pero' jikkonferma illi kienet il-parte civile illi taret ghal fuq Omar u bdiet tiggranfah u tqattalu l-flokk.

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzi fil-konfront tal-imputati huma msejjsa fuq l-Artikoli 214, 215 u 216 (1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht l-Artikolu 338 (dd) tal-istess Kapitolu. Illi ghat-tieni (2) akkuza u cioe' dik li taqa' taht l-Artikolu 338(dd) jinghad illi l-imputati gew notifikati wara d-data tal-ewwel seduta u cioe' fit-3 ta' Ginju 2013 u ghalhekk certament din l-akkuza hija preskritta bil-preskrizzjoni tat-tliet (3) xhur.

Illi a rigward l-ewwel (1) akkuza jinghad illi jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti l-prassi hija li ghandha tillibera stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero` l-Qorti tista' wkoll tezamina l-kredibilita` tax-xhieda kif gie deciz fil-kawza fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker</u> tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-19 ta' Mejju, 1997 fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Fil-kaz <u>**Il-Pulizija vs Joseph Thorne**</u> tad-9 ta' Lulju 2003 gie ritenut illi: *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux."*

Fil-kawza <u>**Amabile Cauchi vs Gianni Attard**</u> tal-21 ta' Mejju 1955, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi: *"biex tezamina l-kredibbilita` tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji - ezami li ghandu jsir dejjem, imma li jakkwista importanza akbar meta hemm zewg xhieda principjanti, wahda tghid abjad u l-ohra tghid iswed. U fost il-kriterji tal-kredibbilita` hemm dak tad-deportament tax-xhud fl-isbarra tax-xhieda, u dak tal-konsistenza tax-xhieda mal-materjal l-iehor li jkollha quddiemha l-Qorti."*

Illi ghalkemm jidher li hemm zewg verzjonijiet konfliggenti, ix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma kienu bl-ebda mod konsistenti u konvincenti u dan ghaliex ghalkemm kien hemm konflitti bejn ix-xhieda ta' Fiorella Spiteri u l-kugina taghha, jidher illi dawn ma jistghux jitwemmnu fil-verzjoni taghhom meta l-kugina tghid illi

ma ratx kif beda l-incident ghaliex hi kienet qieghda fuq il-*mobile* u kienet qed tpejjep meta hi kienet bilqeghda ezatt hdejn il-kugina taghha Fiorella! Illi l-Qorti tifhem ghaliex qalet hekk, u cioe' ghaliex dan il-punt meta nqala' l-incident huwa l-punt crucjali fejn l-imputati qeghdin jghidu illi Fiorella giet tattakka lill-imputat Omar Ablett u Fiorella qalet bil-kontra. Ovvjament din il-kugina taghha ma rieditx tixhed il-falz u ovvjament kien hemm xi haga ohra li riedu jahbu u ghalhekk kellhom jinkupaw lill-imputati.

Illi l-prosekuzzjoni, b'mod stramb ghall-ahhar ma tellghetx lill-ufficjal prosekutur biet tixhed rigward l-investigazzjoni taghha u l-anqas tellghet lill-ufficjali tal-pulizija li kienu nvoluti fil-kaz. L-anqas biss gie esebit ir-rapport tal-pulizija hlief mhux bl-insistenza tad-difiza.

Nuqqas iehor mill-prosekuzzjoni hu li ma gietx ingunta oht il-parte civile sabiex tikkonferma bil-gurament ir-ritratti allegatament mehudin minnha. U kif ukoll kif qalet id-difiza fin-nota ta' sottomissjoni taghha ma ngabitx il-prova tal-permanenza tal-griehi u dan peress illi l-Artikolu 216(1)(d) jistipula illi:

*"216. (1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l- piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tliet snin –*

*(a) jekk tista' ġġib periklu –*

*(i) tal-ħajja; jew*

*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil- funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*

*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal- ġisem; inkella*

*(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*

*(d) <u>jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien,</u>*

*iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu*; (emfazi mizjud)."

Illi l-prosekuzzjoni ghal xi raguni ma gabitx prova illi l-griehi kienu permanenti kif is-solitu jigri f'dawn it-tip ta' griehi fejn il-prosekuzzjoni titlob li jitqabbad espert sabiex jezamina l-vittma u jikkonstata n-natura tal-griehi. Illi ghalhekk anke dan il-punt krucjali ma giex ippruvat.

Illi l-prosekuzzjoni naqset ukoll illi tinvestiga u jekk ikun hemm bzonn, tipprocedi kontra l-istess parte civile Fiorella Spiteri fuq allegat griehi subiti minn Omar Ablett.

Illi l-Qorti trid bilfors tikkummenta fuq in-nuqqas tal-prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri li ghal xi raguni ma ghamlitx il-kaz taghha skont kif titlobha l-ligi. Il-Qorti trid tippreciza illi l-ufficjal prosekutur inbidel fl-ahhar tal-proceduri ghaliex din ma baqghetx aktar fil-korp.

Illi dawn in-nuqqasijiet certament inqanqlu certu suspetti li l-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jinvestiga ghaliex saru izda fl-istess hin jiskolpaw lill-imputati ghall-akkuzi kif dedotti kontrihom.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputati Omar Ablett u Antoine Galea hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom u tilliberhom minnhom.

________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**